MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Numru. 359/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Jurgen Vella**

**VS**

**Stephen Cucciardi, iben il-mejjet Vincent u Maria Stella nee' Azzopardi, imwieled Tal Pieta' nhar il-25 ta' Lulju, 1970, residenti fil-fond Flat 18, Block 4, Triq San Pietru u San Pawl, l-Isla, detentur tal-karta tal-identita' numru 318570M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Stephen Cuccciardi** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-18 ta' April, 2007, ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, gewwa Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, flimkien

ma' persuni ohra, bil-hsieb illi jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq minn vettura tal-ghamla Leyland mudell Road Train, ta' lewn blue u bin-numru tar-registrazzjoni CAR627, illi kien jinsab ipparkeggat fi Triq il-Bacir, Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Marco Cini minn Marsaxlokk, bhala direttur tal-kumpanija Steel Structures Ltd u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a); 267, u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti huma ta' terzi mhux kollha okulari.

Minn naha tieghu, l-Ispettur Jesmond Borg xehed fuq l-investigazzjoni minnu kondotta f'dan ir-rigward, fuq rapport li ghamel certu Maurice Cini bhala direttur ezekuttiv tal-kumpanija Steel Structures. Dan ir-rapport kien jirrigwardja tentattiv ta' serq ta' u minn trukk tal-ghamla Leyland mudell Road Train bin-numru tar-registrazzjoni CAR627. Kellem anke l-Ispettur lix-xufier ta' dan it-trukk – certu Charles Sciberras, xhud okulari skondtu ta' dan it-tentattiv. Ezebixxa wkoll l-istqarrija ta' Stephen Cucciardi bhala Dok JB, a folio 32.

Minn naha tieghu, Charles Sciberras, allura xehed illi hu kien driver bit-trukk mal-kumpanija msemmija u pparkja t-trukk fejn is-soltu, naqra 'l fuq mill-fabbrika. Meta rega' lura, ra hdejn it-trukk Golf celesti ma' genb it-trukk li kien jahdem bih kuljum. Ra persuna li kienet taht it-trukk fejn

ikun hemm il-battery tat-trukk. Qal illi rrealizza x'kien qieghed jigri, illi ma kinitx xi haga normali. Meta ftit wara qisu rrealizza, jghid illi hdejn it-trukk kien hemm ukoll ohra bil-bonnet miftuh. Qal illi fuq tali suspett, nizel vicin hdejn il-mechanic tal-kumpanija u staqsieh jekk kinx gralu xi haga t-trukk. Dan – certu Johnny (Ganni) wiegbu skondtu li wiehed minnhom, anzi tnejn, kienu anke dahlu ghandu jitolbu jerry can bl-ilma ghar-radiator tal-karozza. Qal illi mbaghad dawn harbu, jghid illi wiehed mar jaghlaq il-bonnet; li kienu qed jghollu t-trukk u bdew anke jimbuttaw il-karozza. Ikkonferma li darba fl-ghassa, meta mar jaghmel ir-rapport, sar anke konfront bejnu u bejn l-akkuzat, fis-sens illi gharfu u kien cert minn dan. Jghid tant b'certezza "*mija fil-mija*". (folio 38)

Spjega li l-batterija tat-trukk, minhabba kif kien ipparkjat l-istess, kienet in-naha ta' barra tat-triq, allura n-naha tax-xufier.

Xehed ukoll illi minhabba li hu u l-mechanic gihom hsieb hazin, marru jiccekkjaw jekk il-batteries kinux ghadhom hemm, u sabu li t-tnejn (ghax tnejn ghandu dan it-trukk), kienu mahlulin. "*Il-wires kienu maqtughin bl-iskorfini.*" (folio 39).

Qal illi hu kien saq it-trukk filghodu u hallieh fi stat tajjeb.

In kontro ezami kkonferma li gewwa l-ghassa, il-konfront sar ma' bniedem wiehed biss.

Maurice Cini, direttur tas-socjeta' Steel Structures Co Ltd, xehed illi l-valur tat-trukk in kwistjoni kien ta' Lm4,000.00.

John Mercieca, xehed illi waqt illi kien qieghed jahdem fuq xi vettura fil-garaxx, mar wiehed u talbu l-ilma ghax kienet waqfitlu l-karozza. Tah landa bl-ilma u baqa' jahdem. Qal illi wara ftit dahal driver li bhalu kien jahdem mal-kumpanija Steel Structures, u qallu li kienu qed jaqlaghlhom il-batteries.

Qal illi wara, hu ra l-batteries maqlughin mit-terminals, mill-brackets taghhom.

L-imputat irrilaxxa anke stqarrija lill-Ufficjal Prosekutur, ezebita kif gia' ntqal bhala Dok JB. Il-Qorti harset ukoll lejn il-fedina penali tal-imputat, u qieset, anke minhabba r-reati li taghhom kien gia' nstab hati, illi l-imputat fiz-mien tat-tehid tal-istqarrija, ma kinx investigat daqstant vulnerabbli. Fil-verita', fl-istess stqarrija huwa nnega l-involviment tieghu fir-reati lilu addebitati. Stranament fl-istess, jistqarr illi kien jahseb li kellu biss kawzi pendenti relatati mad-droga u serq!!

Viva voce, ghax ghazel illi jixhed, qal illi dakinhar kien niezel mill-Isla ghal Bormla, iltaqa' ma' wiehed bil-karozza li kien tiela' ghall-mistura u telghu ghall-mistura. Waqfu ghax sahnet il-karozza. Fethu l-bonnet, tela' d-duhhan, u marru jiddubbaw landa ilma. Qal illi dan il-garaxx kien fin-nizla ta' Ghajn Dwieli, fit-telgha ta' Kordin. Qal illi taw l-ilma lill-karozza u nizlu bil-mod.

Innega li hu u siehbu kienu nvoluti fil-bicca tal-batteriji.

Qal illi kien hu li kien mar jitlob l-ilma, u li wara nizlu lejn l-Isla.

In kontro ezami, mistoqsi min kien il-persuna tal-karozza, wiegeb illi ma kinx jaf. Ma kinx jaf x'jismu. Qal illi kien jafu ghax kien iltaqa' mieghu d-Detox xi tlieta jew erba' darbiet qabel. Qal illi meta tefghu l-ilma, il-karozza ma startjatx mil-ewwel, u tawha ghan-nizla. Xehed ukoll illi hu ma regax iltaqa' ma' dan il-bniedem, u dakinhar biss kien tela' mieghu bil-karozza.

Mistoqsi kif waqqfu biex imur mieghu d-Detox, wiegeb: "*Kien induna li …..jien ghamiltlu sinjal.*" (folio 87)

Ikkunsidrat:

Illi certament il-pulizija ressqet xhud okulari li ra persuna taht it-trukk in kwistjoni. Kien anke cert fl-identifikazzjoni tieghu tal-imputat bhala wiehed miz-zewg persuni li waqfu bil-Golf, jew ahjar kien hdejn il-Golf bil-bonnet miftuh u hdejn it-trukk suggett ghas-serq.

Issa, kif gia' premess, l-imputat innega kemm fl-istqarrija kif ukoll meta xehed viva voce, illi hu qatt kellu x'jaqsam ma' dan is-serq jew ahjar attentat tieghu. Xehed illi waqfu biss ghax waqfitilhom il-karozza. Jghid ukoll - xi haga ftit inkredibbli ghal din il-Qorti, illi nonostante li rikeb f'karozza ma' persuna li kien ra tlieta jew erba' darbiet, dan ma kinx jaf la x'jismu u lanqas x'kunjomu. Aktar inkredibbli huwa l-fatt illi dan bla kliem ghamillu sinjal u ftehmu u rikeb u marru d-Detox flimkien.

Illi frankament dawn il-fatturi maghduda flimkien, iwasslu lill-Qorti biex ghal kollox tiskarta l-verzjoni tal-imputat, u konsegwentement issibu hati tal-akkuzi ai termini tal-Artikoli 41(1)(a), 267, 271, 279, 280, u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi ma giet prezentata ebda prova ta' recidiva.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif ukoll l-Artikoli 17, 31, u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lil **Stephen Cucciardi** ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------